MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2012

Numru. 993/2012

**PULIZIJA**
**SPETTUR DARYL BORG**
**VS**
**JOHN BORG BONACI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

John Borg Bonaci ta' 32 sena, bin Francis Borg Bonaci u Maria Hilda nee' Muscat, mwieled Bormla nhar it- 23 ta' Ottubru 1980, residenti 20, Triq Joe Gasan, Hamrun u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 572680M ;

Talli nhar il- 11 ta' Lulju 2012 ghall- habta tat- 8.00am gewwa l- fabbrika Elia Catereres li tinsab 68, Triq Villambrosa, Hamrun;

1) ikkommetta serq ta' flus kontanti li jammontaw ghal €110 ghad- detriment ta' Antione Borg Bonaci detentur tal- Karta tal- Identita' 317585M liema serq huwa kkwalifikat bil- persuna;

2) aktar talli rrenda ruhu recidiv ai terminu tal- Artikoli 49 u 50 tal- Kap 9 wara li gie misjub hati b' sentenza moghtija mill- Qrati ta' Malta, liema setenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

Rat u ezaminat id-dokumenti ezebiti;

Semghet ix-xhieda;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'din il-kawza, wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu bl-aktar mod solenni dwar il-konsekwenzi tal-istess ammissjoni tieghu;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkonsidrat:**

Illi bl-ammissjoni tal-imputat, din il-Qorti qed issibu hati ta' din l-akkuza u ghalhekk ser tghaddi biex tikkonsidra l-piena f'dan il-kaz. Il-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu, fil-qosor, is-segwenti. L-imputat jahdem ma' Elia Cateres, stabbiliment tal-familja tieghu, li jaghmlu l-helu u ikel iehor ghal "catering". Nhar il-11 ta' Lulju, 2012, hekk kif dahal ghax-xoghol, ra €110 fil-basket tal-kugin tieghu, Antoine Borg Bonaci, u hadhom biex jaghtihom lil haddiehor, minghajr il-kunsens ta' Antoine. Hu ammetta mal-Pulizija, u gia' hallas kollox lura lil kuginuh. Ghalhekk il-Qorti sejra taghti sanzjoni fil-komunita' minn flok piena, anke minhabba fil-fedina penali tieghu u l-ammissjoni bikrija. Kwantu ghar-recidiva, din hija applikabbli biss taht l-Artikolu 49 tal-Kap 9, u ghalhekk il-Qorti ma tarax il-htiega

li toghla fil-piena f’dan il-kaz, anke tenut kont tac-cirkostanzi familjari tal-imputat u d-derubat.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 49 u 50, 261, 268, 284 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Fuq ammissjoni din il- Qorti ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant tilliberah bil- kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt (6) xhur ai terminu tal- Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------